MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 125/1999/1

**Professur Anthony H.B. Debono**
**Vs**
**Alan Delia u Reverend Father Emmanuel sive Noel Grima bhala Editur tal-gurnal "The Malta Independent"**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi b'artikolu intitolat "Director of INIA insists he is not answerable to government" li deher fil-harga tat-18 ta' Dicembu, 1998 tal-gurnal "The Malta Independent", il-konvenuti rispettivament bhala awtur tal-artikolu inkriminat u editur tal-imsemmi gurnal ingurjaw lill attur li jokkupa il-kariga ta' Direttur tal-United Nations International Institute on Ageing – Malta, imsemmi fl-istess artiklu, billi ghamlu allegazzjonijiet u imputazzjonijiet specifici fil-konfront

tieghu intizi biex jingurjaw u jimmalafamaw il-karattru u r-reputazzjoni tieghu jew jesponuh ghar-redikolu u d-disprezz tal-pubbliku u li jikkontjenu fatti inveredici, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, agir dan li jirrendihom it-tnejn responsabbli ghall-kundanna tal-hlas ta’ danni ghat-tenur tal-art. 28 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Jghidu l-konvenuti, ghaliex ghar-ragunijiet premessi m’ghandhiex din il-Qorti:-

1. tiddikjara li l-imsemmi artikolu inkriminat u publikazzjoni intitolata “Director of INIA insists he is not answerable to government” li gie publikat fil-harga tat-18 ta’ Dicembu, 1998 fil-gurnal The Malta Independent (Dok. A) huwa ingurjuz u libelluz fil-konfront tal-attur;

2. ghaliex konsegwentement il-konvenuti rispettivament bhala awtur tal-artikolu inkriminat u editur tal-imsemmi gurnal, m’ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-attur dawk id-danni li jigu minn din il-Qorti likwidati ghat-tenur tal-art. 28 tal-Ligijiet ta’ Malta, flimkien mall-imghax legali mad-data tas-sentenza.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti li jibqghu ingunti minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat n-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Alan Delia li biha eccepixxa:

[1] Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-kritika u kummenti pubblikati huma bazati fuq fatti veri, liema fatti jistghu jigu pruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u

[2] Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, fl-artikolu l-eccipjenti jaghti l-fatti kif irrizultaw lilu u jaghmel kummenti li jitqiesu bhala *fair comment* dwar kwistjoni ta’ interess pubbliku, liema kummenti huma accettabbli f’ socjeta’ demokratika kif ukoll that il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentata tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat li l-konvenut Reverendu Emmanuel Grima huma kontumaci;
Rat il-verbal registrat mid-difensur fl-udjenza tal-21 ta' Marzu 2000 fejn qabblu li "x-xhieda li nstemghet fil-kawza [Citazzjoni 122/99 [RCP] Dr.Joseph Troisi vs Fr.Emanuel Grima] ghandha wkoll tigi kkunsidrata bhala li nghatat u ghalhekk tghodd ghal din il-kawza.." [Fol.20];
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Ikkunsidrat

Illi l-proceduri odjerni jikkoncernaw artikolu gurnalistiku miktub mill-konvenut Alan Delia fuq il-gazzetta *The Malta Independent* li taghha l-konvenut Rev.Emmanuel Grima huwa l-editur, pubblikat fil-harga tat-18 ta' Dicembru 1998. In generali, l-ilment tal-attur huwa li dan l-artikolu jikkostitwixxi *"a deliberate attack to discret me as a Director of the Institute"*[1] u li *"The whole of the article contains innuendos and half truths.."*[2] Fl-att tac-citazzjoni jsostni li f' dan l-artikolu saru allegazzjonijiet u imputazzjonijiet specifici fil-konfront tieghu, intizi biex jingurjaw u jimmalafamaw il-karattru u r-reputazzjoni tieghu u jesponuh ghar-redikolu u d-disprezz tal-pubbliku, u li di piu' jikkontieni fatti interitieri.

In tema legali huma opportuni s-segwenti konsiderazzjonijiet tad-dritt:
Il-liberta' ta' l-istampa ghandha dejjem tigi salvagwardjata billi hija wiehed mill-ingredjenti fundamentali ta' kull socjeta' demokratika, izda b' daqshekk l-istampa ma nghatat ebda passaport ta' immunita', billi tibqa' dejjem il-htiega li jinzamm sens ta' proporzjon bejn il-liberta' ta' l-espressjoni u c-censura tal-malafama. Il-bilanc li jrid jinzamm bejn il-bzonn li fis-socjeta' demokratika jithalla spazju sufficjenti ghall-liberta' li wiehed jikkritika u li jsemmi l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, mal-bzonn l-iehor, xejn anqas mehtieg, tad-difiza tar-reputazzjoni, l-unur, l-

[1] Fol.109
[2] Fol.110

isem tajjeb li kull persuna f' socjeta' demokratika ghandu kull dritt li jgawdi.[3]

Illi f' kazijiet li jiggeneraw interess kbir fil-pubbliku u fejn ikunu involuti persuni pubblici, il-limiti tal-kummenti huma wesghin, pero' hemm dejjem limiti. Implikazzjonijiet minghajr fondament maghmula ghal kwalunkwe raguni, anke possibbilment ghal raguni politika ma jistghu qatt jigu accettati la fil-kuntest ta' fatti li iqajmu interess pubbliku u lanqas fejn hemm involuti nies pubblici.

Il-ligi taghna mhijex injara tal-kuncett ta' interess pubbliku u l-fatt li persuni f' karigi pubblici u importanti necessarjament huma esposti ghall-kritika. Infatti tammetti l-prova tal-verita' tal-fatti f' diversi kazijiet ta' personalitajiet pubblici [Art.12][4] Izda l-istess generu ta' persuni ghandhom l-istess drittijiet ghall-preservazzjoni ta' integrita' u l-fama taghhom daqs haddiehor.[5]

Il-linja medjana fejn proprju d-dritt ta' espressjoni libera teccedi dak li hu ragjonevoli u ghandha tigi punita, ghax issir minflok ksur tad-drittijiet ta' haddiehor, huwa proprju fejn l-espressjoni tigi bbazata fuq fatti skorretti.[6] Hadd ma ghandu dritt jattribwixxi atti malafamanti lill-persuna, *multo magis* meta din tkun tokkupa kariga pubblika u prominenti fil-pajjiz, jekk tali atti ma jkunux veri u ppruvati bhala tali, ghaliex hemm wiehed jidhol fit-territorju tal-malafama u konsegwenti dritt ta' persuna, li tiddefendi r-reputazzjoni taghha, u tigi kumpensata jekk dak li ntqal fuqha ma jkunx jirrifletti l-verita'.[7]

Illi fid-determinazzjoni tal-punt jekk artiklu huwiex libelluz jew le, ghandu jittiehed in konsiderazzjoni mhux biss dak li gie miktub espressament, izda ghandu jigi ezaminat jekk mill-assiem tal-artiklu johrogx car dak li jkun qed jigi manifestament implikat.[8] Wiehed ghandu jhares mhux biss il-bran denunzjat, imma l-artiklu kollu kemm hu li

[3] App.Civ. ***Vincent Borg vs Victor Camilleri*** [1994] [Vol.LXXVIII.II.I.372]
[4] App.Civ.***Onor. Dr.Eddie Fenech Adami et vs Joseph Vella et*** deciza fl-1 ta' Frar 1998.
[5] Prim. Awla [RCP] ***Onor.Dr.Alfred Sant vs Dione Borg*** deciza 30.04.2002
[6] Prim Awla [NA] ***Onor.Charles Buhagiar vs Ray Bugeja*** deciza 19 ta' Jannar 1996
[7] Vide App.Civ. ***Dottor Joseph Troisi vs Reverendu Father Emmanuel Grima et*** noe. Deciza 10 ta' Ottubru 2003
[8] App.Civ. ***Onor.Dr.Joseph Fenech vs Evarist Bartolo noe*** deciza 8 ta' Gunju 1999.

jikkontjeni tali bran; u f' din il-materja hu elementari li wiehed jikkonsidra mhux dak li seta' talvolta kellu f' rasu min kiteb l-artiklu, imma dak li fil-fatt kiteb, ghaliex dak li jaqra l-qarrej.[9] F' materja ta' libell wiehed ghandu jara proprjament dak li l-guristi Inglizi jsejhu *the string of the libel* u kif jifhmu bniedem ragjonevoli ta' intelligenza normali u li jkollu konoxxenza tac-cirkostanzi korrenti.[10]

Rigward id-difisa tal-**fair comment**, gie ritenut li *"Il-linja medjana fejn proprio id-dritt ta' espressjoni libera taccedi dak ragonevoli u ghandha tigi punita, ghax issir minflok ksur tad-drittijiet ta' haddiehor; huwa proprio … ... fejn l-espressjoni tigi bbazata fuq* ***fatti skorretti"***[11]
Illi f'dan il-kuntest id-differenza bejn ***"allegazzjoni ta' fatt"*** u ***"comment"*** hija wahda illum stabbilita fil-giurisprudenza taghna. *"F'materja ta' ngurja bl-istampa ghandha issir distinzjoni bejn "allegation of fact" u dak li huwa "comment". Biex tirnexxi d-difiza tal-verita` tal-konvicju, il-fatt ghandu jigi ppruvat. Il-'comment' biex ikun gustifikat irid ikun* ***"fair and bona fide",*** *u ma jistax ikun "fair u bona fide" jekk il-fatt attribwit lill-kwerelant ma jkunx veru"*[12]

Illi ghalhekk ma tistax tirnexxi l-eccezzjoni tal-*'fair comment'*, *"jekk ma jigux ippruvati sodisfacentament, il-fatti addebitati lill-kwerelant, u ma tistax tirnexxi id-difiza tal-'justification' u jekk il-fatti ma jkunux veri, lanqas jista' jkun hemm 'fair comment'* [13]

Ricentement gie osservat li "Meta … flok kumment [jew opinjoni] ikollok allegazzjoni jew **insinwazzjoni ta' fatti fihom infushom ingurjuzi** u li **ma jirrizultawx sostanzjalment provati**, anke fis-socjeta' moderna demokratik jibqa' validu l-kument ta' l-Imhallef Kennedy fil-kawza Peter Walker Ltd. vs Hodgson: *Where the words which are alleged to be defamatory allege, or assume as true, facts concerning the pliantiff which plaintiff denies,*

---

[9] Prim Awla [WH*] **Domenic Mintoff vs Thomas Hedley et*** deciza 28 ta' Novembru 1953.
[10] App.Civ. ***Alphonse Farrugia vs Joseph Fava et***. [1997] Vol.LXXX.II.169.
[11] *P.A. N.A.* ***Onor. Charles Buhagiar vs Ray Bugeja*** *19 ta' Jannar 1996*
[12] ***Reginald Miller vs Harold Scory*** *XXXVI.IV.843*
[13] *PA.* ***Anglu Camilleri vs Anthony Zammit"*** *Vol.XI.IV.1195;* ***"Dr. Joseph M. Ciappara vs Joseph Zammit"*** *3 ta' Ottubru 1991*

*and which either involve a slanderous imputation in themselves, or upon which the comment bases imputations or inferences injurious to the plaintiff, it is settled law that the defence of fair comment fails unless the comment is truthful in regard to its allegation or assumption of facts."*[14]

Illi fid-deposizzjoni tieghu tat-3 ta' Ottubru 2003 l-attur indika lil din l-Qorti brani specifici mill-imsemmi artikolu li huwa jsib oggezzjoni ghalihom u jkkonsidra ingurjuzi fil-konfront tieghu. Dawn jinsabu fl-ahhar zewg kolonni tal-artikolu[15] u jirreferu ghas-segwenti [1] affirmazzjoni li l-attur *"is claiming that he is answerable only to the United Nations and not to the Maltese government.",* [2] affirmazzjoni li *"since his appointment on 20 april Prof.De Bono has been abroad for 102 days"* u li ma pproduca ebda rapport dwar dawn iz-zjarat barra minn Malta avolja konnessi max-xgohol tal-Istitut; [3] il-kliem *"his absenteeism is causing a lot of administrative problems..";* [4] li l-attur *"embarked on a downsizing programme and no less than six members of the staff have been fired or have left INIA. Just a few weeks ago, Prof.De Bono made the librarian redundant*; [5] li l-attur *"stopped the [annual] report from being distributed to anyone. There is no annual report on INIA's work during 1998."*

Illi fix-xhieda tieghu l-konvenut Alan Delia, ghalkemm jammetti li ma ghamilx verifiki personalment dwar dawn il-fatti u ma hass li kellu jikkomunika mal-attur sabiex jisma' l-versjoni tieghu, huwa hass li kellu jistrih unikament fuq is-sorsi tieghu li, skond hu, stante li f' okkazzjonijiet precedenti dawn kienu tawh informazzjoni li rrizultat veritiera, kienu nies affidabbli.

Illi fl-imsemmija deposizzjoni, l-attur ta l-versjoni tieghu dwar il-punti sollevati fl-imsemmi artikolu.

Rigward l-punt dwar l-accountability tieghu qua Direttur tal-istitut, huwa spjega li hu qatt ma qal li *"we are not*

[14] *App.C.**Professur Anthony Debono vs Father Emmanuel Grima** et deciza 10.10.2003*

[15] Dok.A fol.4

*answerable to government. I said that the insitute is essentially and must be seen as independent.”*[16] u ghalhekk ma kienx fil-posizzjoni li jirrispondi domandi parlamentari maghmula minn ministru tal-gvern responsabbli ghal xi dipartiment governattiv. L-attur spjega li l-istitut gie imwaqqaf bi ftehim man-Nazzjonijiet Uniti u l-Gvern ta’ Malta u jgawdi awtonomija u li l-fondi moghtija lill-istitut ma setghux jigu allokati *“for national purposes and therefore the entities to which they are given have to be and shown to be totally independent from government.”* Dwar il-kwistjoni diretta tal-accountability, l-attur spjega li *“audited accounts are each year submitted to the United Nations, the Government of Malta and to the Board .. that’s the obligation under the agreement.”* [17] Dan gie konfermat ukoll mill-Professur Peter Serracino Inglott li kien wiehed mill-membri tal-Bord[18] tal-istitut fl-affidavit tieghu, fejn ukoll zied jikkonferma li l-attur “qatt ma rrifjuta li jaghti xi informazzjoni li l-Gvern ta’ Malta talab legittimament kem tramite jiena stess kif ukoll b’ xi mod iehor.”[19]

L-attur jilmenta li din il-parti tal-artikolu tinsinwa li kien hemm xi kontroversja bejnu u bejn il-Gvern ta’ Malta, u li wkoll li kien qed jamministra b’ mod arroganti, minghajr ma jissottometti rapporti finanzjarji, nonostante li kif jghid l-istess artikolu *“INIA was allocated a budget of Lm114,000 for the next year.”*

Rigward it-tieni punt, li mill-hatra tieghu l-attur ghamel 102 gurnata barra minn Malta, u li ma ghamilx rapport dwar din l-assenza tieghu; kif ukoll il-punt sussidjarju, li dan l-“absenteeism” kien qed jikkaguna “a lot of administrative problems”, l-attur, filwaqt li jikkonferma li kien ghamel zmien barra minn Malta, spjega li n-natura tal-kariga tieghu kienet wahda internazzjonali u kienet tinvolvi li huwa jassenta ruhhu minn Malta fuq xoghol f’ diversi okkazzjonijiet minnu specifikati fix-xhieda tieghu. Huwa cahad li l-assenza tieghu kienet qed tikkrea problemi

[16] Fol.109
[17] Fol.114
[18] Dan ix-xhud, bhal uhud mill-membri l-ohra tal-Bord, kien gie nominati mill-gvern u mahtur mill-Gnuz Maquda.
[19] Fol.166

amministrattivi ghax kif hemm rapportat fl-artikolu "the two top INIA officials are aged 76 and 69 years." Hu jghid li dawn huma nies kompetenti u efficjenti hafna. F' dan ir-rigward l-Professur Serracino Inglott jghid: "ghalkemm hu minnu li l-Professru De Bono ikun imsiefer aktar spiss mill-predecessuri tieghu, partikolarment fuq teaching missions, dan, sa fejn naf jien, qatt ma holoq problemi amministrattivi."[20] Inoltre, l-attur oggezzjona bil-qawwa ghat-terminu "absenteeism" u fix-xhieda tieghu jghid li dwar l-assenza tieghu minn Malta huwa kien pprezenta rapport lil Bord "and to the people concerned."[21]

Punt iehor konness ma' dak precedenti jirrigward il-bran fejn hemm imnizzel li l-attur kien waqqaf id-distribuzzjoni tar-rapport annwali, u li r-rapport annwali tas-sena 1998 ma kienx ghadu gie prezentat. L-attur jchad li huwa kien waqqaf id-distribuzzjoni tar-rapport, izda kien skoraggixxa d-distribuzzjoni tieghu, izda "if anybody wanted it they could have it [a copy]"[22] Ir-raguni ghal din il-policy kienet li l-istampa fuq il-faccata kienet fil-fehema tieghu twaqqa' ghar-redikolu persuni anzjani.[23]

Rigward ir-rapport annwali tas-sena 1998, l-attur jspjega li dana dam ma hareg stante li huwa kien gie appuntant f' April ta' dik l-istess sena. Di fatti il-hrug ta' dan ir-rapport ccertifikat mill-awdituri jinsab konfermat minn Lino Zahra u anness mal-affidavit tieghu.[24] Dan jghid ukoll "il-kotba tal-accounts jigu audited kull sena u l-audited accounts jigu sottomessi lis-Secretary General tal-Gnus Maqghuda, lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u lill-Ministeru tas-Sikurta' Socjali." Ghaldaqstant anke din il-parti tax-xhieda tal-attur tinsab konfortata minn xhieda ohra, anke dokumentarja.

L-ahhar punt li jehtieg li jigi trattat, jirrigwarda l-bran fejn qed jigi attribwit lill-attur li dana "embarked on a down sizing programme". L-attur jinnega dan, u jghid li hu qatt

[20] Fol.117
[21] Fol.116
[22] Fol.117
[23] Fix-xhieda tieghu jispjega: "The report had on the cover the picture of half a dozen very old ladies obviously without teeth doing a sort of a KnaKan chorus. Now to me that is ridiculing old age. It is something which in ageing circles today we condemn utterly" [Fol.111]
[24] Affidavit fol.155; Rapport finanzjarju dok.Xbii fol.161 et seq. Dan ix-xhud esebixxa ukoll l-audited account tas-sena precedenti cioe' 1977

ma kecca [ut sic] lil hadd u li dawk l-impjegati li telqu mill-istitut telqu minn rajhom hlief ghal librar li l-post tieghu gie redundant. L-attur spjega li stante li *"the funds to the institute were severly limited that library was necessarily very small and there was absolutely no justifikcation for a for time librerian … The fact is that it was totally unnecessary and redundancy was the issue."*[25] Rigward l-budget allokat ghall-istaff u ghall-premises, l-attur jghid li ghalkemm kienet kompetenza tieghu li jfassal dan il-budget *"in fact I continuted the status quo of what had happened before and what has been happening before."*[26] .

Illi fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu l-konvenut Alan Delia jsostni li mill-provi migjuba "huwa car daqs il-kristall li l-artikolu huwa kollu kemm hu msejjes fuq fatti veri …[27] Li din il-Qorti m' ghandhiex toqghod fuq il-kelma tal-attur, u "l-oneru shih tal-prova jinsab fuq spallejn l-attur.." Il-konvenuti minn naha taghhom prezentaw "provi cari u mhux kontradetti oggettivament mill-attur [ie x-xhiediet ta' Dr.Hyzler u Dr.Calleja] li jikkonfermaw li l-kontenut ta' l-artikolu ppubblikat fit-18 ta' Dicembru 1998 huwa tassew minnu."[28]

Illi din il-Qorti tikkonsidera opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:

Illi l-oneru tal-prova dwar il-veracita' tal-fatti tistrih kompletament fuq il-konvenuti, u senjantament il-konvneut Alan Delia li l-ewwel eccezzjoni tieghu hija fis-sens li "l-kritika u kummenti pubblikati huma <u>bazati fuq fatti veri, liema fatti jistghu jigu pruvati</u> waqt it-trattazzjoni tal-kawza."[29]

In propositu l-Qorti tosserva li mill-provi akkwisti ma jirrizultax, dak allegat mill-konvenuti, li l-artikolu huwa "kollu kemm hu msejjes fuq fatti veri." Anzi l-provi juri li, apparti l-insinwazzjonijiet dovuti ghal mod kif inhu redatt l-

---
[25] Fol.111
[26] Fol.113
[27] Fol.176
[28] Fol.178
[29] Fol.14 – sottolinear ta' din il-Qorti

artikolu, hemm fatti li rrizultaw inveritieri. In propositu jinghad li:

[1] Mhuwiex minnu li l-attur isostni li huwa responsabbli "only[30] to the United Nations and not to the Maltese government" Di fatti mill-provi rrizulta li ntbaghatu rapporti lill-entitajiet koncernati, fosthom il-Gvern ta' Malta. Dan jisnab korroborat, mill-affidavits ta' Lino Zahra u tal-Professur Peter Serracino Inglott;

[2] Mhuwiex minnu li l-attur kecca ["fired"] membri tal-istaff. Il-provi juru li fl-amministrazzjoni tal-istitut l-attur deherlu li kellu jaghmel xi riformi, senajtament fil-librerja bir-rizultat li l-librar gie redundant. Fix-xhieda tieghu l-attur spjega li l-membri l-ohra li telqu mill-impjieg taghhom u ghamlu hekk minn rajhom. Il-Qorti tosserva li ma tressqu ebda provi li juru jew almenu jindikaw li l-attur kecca xi impjegati kif sostnut fl-artikolu.

L-unika prova li ngabet mill-konvenuti f' dan ir-rigward huwa l-affidavit[31] ta' Dr.James Calleja, li, ghalkemm isostni li l-attur "issopprima hafna mill-inizzjattiva ta' ricerka mibdija mid-Direttur ta' qabblu" u identifika b' isimhom hames persuni, fosthom huwa stess, li "kienu kostretti li jitilqu mill-INIA" u li dawn kellhom jitilqu minhabba "harassment psikologiku u oppressjoni", din l-allegazzjoni ma giet sostnuta b' ebda prova; u dan nonostante li l-persuni li setghu jikkorroboraw din l-allegazzjoni kienu identifikati minnu. Din kienet allegazzjoni serja li sabiex tigi accettata bhala veritieria minn qorti kellha tigi konfermata bl-aqwa prova. Ghaldaqstant, fin-nuqqas ta' provi sodisfacenti, u fid-dawl tac-cahda tal-attur u tal-ispjegazzjoni minnu moghtija fix-xhieda tieghu, il-valur probatorju taghha huwa negligibbli.

Illi di piu' l-allegazzjoni li l-attur "issoprima hafna mill-inizzjattivi ta' ricerka" tinsab serjament imdghajjfa mix-xhieda ta' Dr.Joseph Troisi, Deputy Director tal-istitut mis-sena 1995, fejn indika n-numru ta' korsijiet li qed imexxi hu fi hdan l-istitut. Jghid: "Illum in-numru ta' korsijiet illi

[30] sottolinear ta' din il-Qorti
[31] Fol.85-86

qed immexxi flimkien mal-Professur Debono kwazi jilhaq tmienja sa ghaxra fis-sena."[32]

[3] Ma gietx provata l-allegazzjoni li l-attur "produced no reports" dwar iz-zjarat tieghu barra minn Malta. L-uniku element ta' prova mressqa mill-konvenuti f' dan ir-rigward huwa l-istess affidavit ta' l-imsemmi Dr.James Calleja fejn in propositu dan jghid "jien qatt ma rajt rapport dwar l-impenji tal-Professur Anthony De Bono barra minn Malta."[33] Element ta' prova li zgur ma twassalx ghall-prova posittiva li l-attur ma kienx baghat rapporti. *Multo magis* meta fix-xhieda l-attur cahad din l-allegazzjoni u qal li kien baghathom lil Bord.

[4] Ma gietx provata l-allegazzjoni li minhabba iz-zjarat tieghu barra minn Malta, li fl-artikolu hija indikata bil-kelma *"absenteeism",* dan il-fatt *ut sic "is causing a lot of administrative problems."* Kien l-oneru tal-konvenuti li jipprovaw b' mod sodisfacenti, u mhux permezz ta' assunzzjonijiet u kongetturi, li d-diversi problemi amministrattivi kienu konsegwenzjali ghal *absenteeism* tal-attur. Din il-provi hija mankanti, u hija wkoll direttament kontradetta mill-Professur Serracino Inglott[34] u indirettament mill-imsemmi Dr.James Calleja li fl-affidavit tieghu[35] jghid li l-problemi amministrattivi kienu hafna kemm fl-assenza tal-atturi, "kif ukoll meta kien ikun fl-ufficju tal-INIA".[36]

[5] Ma gietx provata l-allegazzjoni li l-attur "stopped the [Triennial] report from being distributed to anyone". L-attur cahad din l-allegazzjoni assoluta, u spjega l-posizzjoni tieghu dwar dan ir-rapport; inoltre, l-affidavit tal-Professur Serracino Inglott, jaghti grad ta' konfort lill-attur, meta jghid: "l-attur Professur De Bono qatt ma rrifjuta li jaghti xi informazzjoni li l-Gvern ta' Malta talab legittimament tramite jiena stess kif ukoll b' xi mod iehor.."[37]

---

[32] Fol.134
[33] Fol.85 – sottolinear ta' din il-Qorti
[34] Fol.166
[35] sottolinear tal-Qorti
[36] Fol.85 – sottolinear ta' din il-Qorti.
[37] Supra

Mill-premess jirrizulta li l-artikolu jikkontjeni fatti li huma inveriteri, uhud minnhom b' mod assolut filwaqt li ohrajn huma "half truths" li wkoll iwasslu stampa imveritiera fuq l-operat tal-attur qua direttur tal-istitut. Inoltre l-artikolu jikkontenji insinwazzjonijiet ta' amministrazzjoni hazina, u anke arroganti da parti tal-attur, fit-tmexxija tal-istitut. Bniedem ragjonevoli u ta' intelligenza noramli, mill-qari ta' dan l-artikolu necessarjament jiehu l-impressjoni li l-attur qed jabbuza mill-posizzjoni tieghu bhala Direttur, li mhux qed jaghti rendikont tal-infiq fl-istitut, qed jikkaguna hafna problemi amministrattivi minhabba l-assenza tieghu minn dawn il-gzejjer, mhux qed jaghti rendikont ta' dawn iz-zjarat, qed ikecci membri tal-istaff u in generali ipoggi lill-attur f' dawl negattiv fl-operat tieghu. Dan huwa malafamenti u ingurjuz ghalih u t-talbiet tal-attur f' dan ir-rigward huma gustifikati.

Illi rigward it-tieni eccezzjoni bazata fuq il-kuncett tal-*fair comment* jigi osservat li din ma tistax tirnexxi jekk tkun bazata fuq fatti inveritieri. "Altru li wiehed jikkritika, jekk b' mod iebes, l-operat ta' dak li jkun billi jesprimi opinjoni tieghu fuq dak l-operat, u altru li wiehed jattribwixxi jew, aghar, jinsinwa <u>fatti</u> malafamanti li ma jigux provati"[38] Ghaldaqstant anke din l-eccezzjoni hija insostenibbli.

Illi rigward il-konvenut l-iehor ir-Reverendu Fr.Emanuel Grima jigi osservat li dan ammetta li huwa l-editur tal-gazzette in kwistjoni u f' din il-kwalita' huwa jassumi dak kollu li jidher u jinghad fil-gazzetta tieghu flimkien mal-artikolista. Inoltre, jigi osservat li n-nota tal-osservazzjonijiet tieghu hija identika ghan-nota tal-konvenut Alan Delia. Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet premessi, it-talbiet attrici jreggu anke fil-konfront tieghu.

In fine, rigward l-aspett kostituzzjonali trattat fin-nota tal-konvenut, il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza ***Professur Anthony de Bono vs Father Emanuel Grima*** deciza 10 ta' Ottubru 2003, u taghmilhom taghha.

---

[38] *App.C.* ***Professur Anthony de Bono vs Father Emanuel sive Noel Grima*** *deciza 10 ta' Ottubru 2003.*

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa rigett tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Alan Delia u fil-kontumacja tal-konvenut Fr.Emanuel Grima, tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara l-pubblikazzjoni surreferita libelluza u malafamanti fil-konfront tal-attur u li tesponih ghad-disprezz tal-pubbliku;  tikkundanna lill-istess konvenuti jhallsu kull wiehed lill-attur is-somma ta' *mitejn lira maltin [Lm200]* in linea ta' danni ghall-malafama bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28 tal-Kap.248, bl-imghax mid-data ta' dan il-gudizzju, u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------